MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 742/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**MARVIN FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Marvin Fenech, ta' 27 sena, bin il-mejjet John u Vincenza nee' Debono, imwieled tal-Pieta' nhar it-13 ta' Awissu, 1978, residenti fil-fond numru 21, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 423778 (M);

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Lulju, 2006 ghall-habta ta' 16.30hrs, fil-Kazin tal-Banda tal-Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk, volontarjament hassar, jew ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara

volontarja fuq apparat tal-*Hi-Fi*, liema hsara tiskorri l-hames mitt lira maltin (Lm500.00), ghad-dannu tal-Kazin Nazzjonalista' ta' Marsaxlokk, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess jum, lok, u cirkostanza, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U kif ukoll akkuzat talli fl-istess jum, lok, u cirkostanzi, bi hsara tas-sid jew detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor, u ghamel hsara volontarja fl-istess fond, u dan bi ksur tal-Artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 325 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Marvin Fenech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------